# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 4/2022 BS**

**AA**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao**
**b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2019 ġie maħtur**
**kuratur deputat sabiex jirrappreżenta**
**lill-imsiefer BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' AA illi ppremettiet:**

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u liema żwieġ sar fil-Għargħur, Malta u ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u li kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qed tiġi annessa bħala Dokument 'A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ kellhom erba' wlied u ċjoè ĊĊ li twieled fl-4 ta' Ġunju 2006; DD li twieled fil-21 ta' Diċembru 2007 u t-tewmin EE u FF li twieldu fl-14 ta' Diċembru 2012 rispettivament;

3. Illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn Jannar 2017;

4. Illi il-partijiet ottjenew divorzju mill-Qorti tal-Familja f'Luton fil-Gran Brittanja liema divorzju ngħata b'deċiżjoni tal-20 ta' April 2020 u li kopja tagħha qed tiġi annessa bħala Dokument B;

5. Illi l-esponenti tixtieq li jiġi pronunzjat id-divorzju f'Malta bejn il-partijiet.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1) tippronunjza d-divorzju bejn il-partijiet;

2) tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao illi b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2019 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer BB illi eċċepixxa:**

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok għal din il-vertenza u għalhekk f'dan l-istadju qed jirrimetti ruħu għal provi miġjuba salv li jirrispondi ulterjorment wara li jsir kuntatt mal-assenti fl-esteru;

2. Illi kemm-il darba preċendentament ma saritx separazzjoni personali, għandhom jingħataw dawk l-ordinijiet dwar kura u kustodja tal-minuri, manteniment, dar matrimonjali u jekk inhu l-każ kommunjoni tal-akkwisti;

3. Illi din r-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-ġurament mill-kuratur Dott. Kevin Mompalao li jiddikjara illi hu edott għal dak suespost.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-partijiet iżżewwġu fl-10 ta' Settembru, 2005. Minn dan iż-żwieġ twieldu erbat (4) itfal. Jirriżuta wkoll li l-partijiet ilhom separati sa minn Jannar 2017.

Jirriżulta wkoll illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment u ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni.

Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Decide**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet attriċi u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur